Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 5**
**Tnejn30ta'Settembru2019**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Romina Galea :  Vici Sindku
Jean Claude Borg :  Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier
Emanuel Brincat :  Kunsillier <Hareg fit-8:15pm>
Charles Selvaggi :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier
Judy Sciberras :  Kunsillier
Maurice Agius :  Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella :  Segretarju Ezekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

05.1.01 Il-kunsilliera kienu kollha preżenti.

**5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

05.2.01 Il-Minuti ta' Seduta L8-04 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati, unanimament.

**5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

5.3.01 B'referenza għall minuti 4.3.03 dwar laqgħat u korsijiet , Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai talbet lill kunsilliera preżenti biex jaraw id-diversi ċirkulari li-jintbagħtu skond ir-responsabiltà hu jekk possibbli jieħdu ħsieb jattendu.

**5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

5.4.01 B'referenza għall minuti 4.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ssuġġeriet lill kunsilliera preżenti biex il-kunsill jara jekk jistgħux jintużaw il-LESA Culture Funds biex ikun jista' jiġu ppublikati żewġt kotba differenti wieħed dwar it-toroq u in-niċeċ tal-Imsida u ieħor għat tfal liema ammonti jiġu deċiżi wara u sakemm jippermettu il-fondi.
Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

5.4.02 B'referenza għall minuti 4.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret proposta mil-Greenpak għall proġett pilota biex tiżdied ġurnata oħra għall-kollezzjoni ta' materjal għar riċiklaġġ minflok dik sewda.
Il-kunsilliera preżent ddiskutew u unanimament jaqblu li tiżdied ġurnata oħra għall-kollezzjoni ta' materjal għar riċiklaġġ iżda ma qablu li għanda tonqos ġurnata għall ġbir tal-borża sewda.

5.4.03 B'referenza għall minuti 4.3.08 Is-sur Emanuel Brincat qal li sar titjieb fis servizz mill kuntrattur tal-knis iżda għad hemm xi nuqqas fil-qtugħ tal-ħaxix.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fejn qed ssiru spezzjonijiet qed jintbagħat rapport lill kuntrattur biex jieħu ħsieb u spjega li kif ikun konfermat il-Contracts manager se jmexxi kif kien propost lill kuntrattur biex jibdew ssiru spezzjonijiet fil-ġurnata bejn ir-rappreżentant tal-kunsill u il-Forman tal- kuntrattur.

5.4.04 B'referenza għall minuti 4.4.02 dwar verifika tal-kontijiet tal-kuntrattur , Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hemmx xi żmien stipulat mid-dipartiment meta għandu jkun lest ir-rapport.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-perit miftehma mal-kuntrattur biex tibda ssir il verifika iżda ma hemmx xi żmien stipulat sa meta għandu joħroġ ir-rapport.

5.4.05 B'referenza għall minuti 4.4.03 dwar konfuzjoni fit-traffiku go triq it-Torri , L. Zamenhof u ta' Xmiexi is-Sur Alfred Farrugia staqsa meta se ssir il-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadu qed jipprova ssib ġurnata tajba għall meta jkunu jistgħu jattendu il-LESA u l-operatur konċernat ħalli jikkordina din il-laqgħa.

5.4.06 B'referenza għall minuti 4.4.05 Is-Sur Maurice Agius qal li għalkemm inġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur biex barra il jlesti il bankina temporanja jagħmel aktar sigurtà fid-daħla tal binja go Triq Clarence din baqgħet l-stess sitwazzjoni.

Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jerġa jgħidlu iżda ma jistax jagħmel aktar min hekk u jmexxi rapport lill BRO.

5.4.07 B'referenza għall minuti 4.4.08 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk l-applikazzjoni biex ssir xogħol fuq l-Għajn tal-Ħasselin taħt l- Skema għar-Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta hiex approvata.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li sal-mument għad ma hemmx risposta filwaqt li għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa fuq il-post ma tekniċi tal WSC għall possibilità biex jiġu spezzjonati u imnaddaf il-kulverts li ma humiex koperti ma restawr.
Il-kunsilliera preżenti għamlu diskussjoni qasira dwar possibilità li l-għajn tkun marbuta ma xi attività kulturali.

5.4.08 B'referenza għall minuti 4.4.09 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk MESDEC kienux approvaw li f'Misraħ San Guzepp ssir spazju bil-fence ħalli sidien tal-klieb ikunu jistgħu iħallu il-klieb għall ftit mhux marbuta biċ-ċinga.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li għamlet dawn aċċettaw.

5.4.09 B'referenza għall minuti 4.4.13 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar it-talba fuq il-bankina fi Triq l-Irmiġġ.
Segretarju Eżekuttiv wieġeb li flimkien ma Sur Charles Selvaggi tkellem ma min għamel it-talba fejn talab biex ssir rampa u tah spjega li din il bankina ġa hija għolja u dejqa u ma tistax ssir rampa mit-triq sa t-targa għax tkun għolja u wieqfa wisq u hemm bżonn tinstab alternattiva aċċettabbli għall IM u CMPD biex ngħinu lill dawn ir-residenti.

5.4.10 B'referenza għall minuti 4.4.15 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk ġietx mibgħuta xi korrispondenza lill Guest house fuq ħruġ ta'skart barra il-ħinijiet normali.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata kien għadu ma b'għatx korrispondenza.

5.4.11 Is-Sur Alfred Farrugia staqsa dwar il-pompi tal-funtani.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li intalbu rapport ta'ħsarat u stimi għall xogħol ta'tiswija mil MTIP. :<Il kunsill qabel li ssir ta'Rue'D'Argen>

Mizjuda:<Il kunsill qabel li ssir ta'Rue'D'Argen>

5.4.12 B'referenza għall minuti 3.4.18 fuq loading / unloading go Triq Princess Margaret Is-Sur Maurice Agius qal li din xorta għada tiġi abbużata. Segretarju Eżekuttiv wieġeb se jerġa jikteb lill LESA filwaqt li se jara jekk hux possibbli teħel tabella b'il- limitu tal-ħin li suppost iddum.

**5.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

5.5.01 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar ir-rebħ tal-kampjunat tal- Boċċi mill lokal u ppropona biex jingħata memento żgħir lill club bħala apprezzament lit-team għar- rebħ tal-kampjunat.
Is-Sur Maurice Agius sekonda il-proposta.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament memento b' kliem ta apprezzament mill kunsill.

5.5.02 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar persuna go Triq Box Box li għanda bżonn u applikat ma TM għall disabled parking u talab lill kunsill jikkunsidra minħabba ċerta tbatija li dan għaddej minna biex dan jagħmluh temporanju sakemm tittieħed deċiżjoni u jkun approvat min TM.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li ssir temporanju sakemm dan ikun approvat min TM bil-kundizzjoni li din ma tibqax hemm jekk ma jkunx approvat.

5.5.03 Is-Sur Jean Claude Borg ppropona u tkellem dwar attività tal Milied li tista' ssir fit-8 ta'Diċembru.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li għandu jara x hemm bżonn biex din ssir

5.5.04 Is-Sinjura Jude Sciberras tkellmet fuq xi kuntatti li kellha dwar possibilità li jingħataw korsijiet dwar il-logħob ta' ċess u tagħrif għall ġardina fi-djar.

5.5.05 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar gutter li kellu ssir mil ħaddiema tal-kunsill go Triq Viktor Denaro.
Is-Segretarju wieġeb li hemm lista ta'xogħol x ssir u kienu ġa marru fejn sabu kapptella li ma jafux x hemm tatha.

5.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ittra mill kumissjoni sport dwar attività u talbiet u avviżi li qed jidhru fuq il-medja soċjali mingħajr ma il-kunsill ikun għadu ġie mgħarraf.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li tintbagħat ittra uffiċjali lill għaqdiet kollha biex ikunu mgħarrfa bil-liġi ,funzjoni u regolamenti tal - Gvern Lokali.

5.5.07 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda u spjega id-dokument għas-sejħa ta'tender għall-manutenzjoni tal-ġonna ,siġar ,pjanti u spazju pubbliku.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament

**5.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

5.6.01 Ma kienx hemm rapporti.

**5.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

5.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K8-05 ta' ħlasijiet bejn l-20 ta'Awissu 2019 u 25ta'Settembru għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Alfred Farrugia , u s-sekondat mis-Sur Sur Charles Selvaggi .
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament

**5.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

5.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tnejn 14 ta' Ottubru fil-5:30pm.Minhabba il-data tinsab fil viċin il-minuti mhux se jkunu preżentati.

Minuti konfermati, illum 11 ta' Novembru 2019

IFFIRMATA IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv